# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2018**

**Numru 4**

**Rikors maħluf numru 891/14 JRM**

**Dottoressa Antoinette Cutajar**

***v.***

**L-Onor. Dott. Joseph Muscat – Prim Ministru, l-Onor. Dott. George Vella – Ministru għall-Affarijiet Barranin, Mario Cutajar fil-kwalità tiegħu ta' Segretarju Permanenti Ewlieni, l-E.T. l-Ambaxxatur Fiona-Jayne Formosa fil-kwalità tagħha ta' Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, Doreen Ellul fil-kwalità tagħha ta' Direttur-Ġenerali fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Leo Bonnici fil-kwalità tiegħu ta' Direttur (Riżorsi) fi ħdan id-Direttorat tar-*Resourcing* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Angele Azzopardi fil-kwalità tagħha ta' Direttur tas-Servizzi Korporattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u l-Avukat Ġenerali Dott. Peter Grech**

1. Dan huwa appell tal-attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 2017 f'kawża dwar stħarriġ ta' għemil amministrattiv li laqgħet eċċezzjoni ta' dekadenza tal-azzjoni taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili safejn tolqot uħud mit-talbiet tal-attriċi u għalhekk ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar dawk it-talbiet. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attriċi tgħid illi d-deċiżjoni tal-konvenuti li jitqies mitmum l-impjieg tagħha mas-servizz pubbliku ma tiswiex għax hija bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u hija *ultra vires* u għalhekk għandha titħassar taħt dak li jgħidu u jridu l-art. 469A(1)(*a*) u (*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Talbet għalhekk li jingħatawlha rimedji xireqa. Il-konvenuti ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »[…] in kwantu dina l-azzjoni hija bażata fuq l-artikolu 469A(1)(*b*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti qegħdin jeċċepixxu formalment illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta *ai termini* tal-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 bit-trapass ta' kważi disa' xhur mid-data meta r-rikorrenti ġiet infurmata bid-deċiżjoni meħuda mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u *cioè* fl-24 ta' Jannar 2014 […]«

3. L-ewwel qorti laqgħet l-eċċezzjoni u ħelset lill-konvenuti mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn jolqot it-talbiet tal-attriċi taħt l-art. 469A(1)(*a*) u ordnat illi jitkompla s-smigħ dwar it-talbiet taħt l-art. 469A(1)(*b*). Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni, kif ukoll fatti oħra relevanti għall-każ, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attriċi hija uffiċjal fis-servizz pubbliku u qiegħda tilminta li minn talba li saritilha biex tiffirma kuntratt ta' impieg ma' kumpannija biex, minflok tibqa' impjegata mas-servizz pubbliku, ssir impjegata tal-istess kumpannija. L-attriċi tgħid li dik it-talba ssarraf bħala tkeċċija tagħha minn mas-servizz pubbliku u tgħid li din hija deċiżjoni amministrattiva li tikser il-Kostituzzjoni u li tmur lil hinn mis-setgħat ("*ultra vires*") tal-imħarrkin għal bosta raġunijiet. Hija trid li l-qorti tistħarreġ l-imsemmija deċiżjoni u ssib li ma

tiswiex u li tagħtiha r-rimedji kollha meħtieġa biex ma titkeċċiex minn mas-servizz pubbliku;

»Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu […] li safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq l-artikolu 469A(1)(*b*), l-azzjoni attriċi waqgħet billi għalaq iż-żmien ta' sitt xhur maħsub fl-artikolu 469A(3) li fih il-kawża messha nfetħet. Laqgħu wkoll b'eċċezzjonijiet fil-mertu;

»Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin dwar jekk l-attriċi fetħitx din il-kawża fiż-żmien li tagħtiha l-liġi;

»Illi, fil-qosor, il-fatti rilevanti li jirrigwardaw il-każ juru li f'Novembru tal-1999 l-attriċi daħlet taħdem b'ingaġġ dirett fuq bażi ta' fiduċja bħala *adviser* mal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Ministeru") b'kuntratt għal żmien li jagħlaq. Il-kuntratt kien baqa' jiġġedded. B'seħħ minn Jannar 2000 sa Diċembru tal-2005, hija ħadmet bħala *counsellor* fi ħdan l-istess Ministeru u addetta ma' missjoni diplomatika fir-Rappreżentanza ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. F'Jannar tal-2006 hija daħlet f'kuntratt mal-Ministeru għal ingaġġ bħala *Adviser Forum Malta* għal sena. Il-kuntratt kien jiġġedded u ġġedded. Lulju tal-2006 intbagħtet taħdem fil-Ministeru fid-Direttorat għall-Affarijiet Ewropej u Ekonomiċi bħala uffiċjal Skala 7 sa Jannar tal-2010;

»Illi f'Jannar tal-2008 kienet mgħarrfa mis-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru li, b'seħħ mis-7 ta' Diċembru, 2007, il-gvern kien iddeċieda li saret impjegata mal-Ministeru fuq bażi indefinita. Wara dan u sa Lulju tal-2013 hija ntbagħtet tagħti s-servizzi tagħha f'għadd ta' missjonijiet diplomatiċi Maltin barra minn Malta;

»Illi sadattant, fl-2011, il-gvern kien nieda eżerċizzju biex jistabilixxi l-qagħda ta' uffiċjali fis-servizz pubbliku li kienu ddaħħlu b'ingaġġ dirett u x'kellu jsir biex titħares il-pożizzjoni tagħhom fi ħdan is-servizz pubbliku;

»Illi b'din il-kwestjoni l-gvern kien għarraf lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li kienet tat il-fehma tagħha;

»Illi fl-24 ta' Jannar 2014 l-attriċi rċeviet *e-mail* mid-Direttur tat-Taqsima Finanzjarja fil-Ministeru li kienet tgħidilha li, b'seħħ mit-3 ta' Frar 2014, hija kienet ġiet impjegata mal-kumpannija *Industrial Projects and Services Limited* (minn issa 'l hemm imsejħa "*IPSL*") u ntalbet tiffirma l-kuntratt ta' mpieg relattiv;

»Illi l-attriċi ma segwietx dik it-talba u, għal xi żmien, inżammilha l-ħlas tas-salarju. Wara li qabbdet avukat u tressqu rappreżentazzjonijiet min-naħa tagħha, is-salarju reġa' ngħatalha. F'April tal-2014 kienet irċeviet ukoll ittra mingħand l-imħarrek Avukat Ġenerali li għarrfitha li jekk kemm-il darba ma kenitx sejra tiffirma l-kuntratt ma' *IPSL* ma setgħetx tibqa' aktar fis-servizz pubbliku;

»Illi sadattant, l-attriċi baqgħet tagħmel l-istess xogħol u fl-istess kariga fi ħdan il-Ministeru;

»Illi f'Awwissu tal-2014 l-attriċi irċeviet is-salarju tagħha għal Lulju ta' dik is-sena b'*payslip* maħruġa minn *IPSL* u s-salarju tagħha kien depożitat f'kont tagħha f'bank lokali. Hija ma żammitx dik il-*payslip* u

għaddiet biex tiddepożitaha flimkien mas-salarju li kienet irċeviet b'ċedola fil-qorti;

»Illi b'ittra li ġġib id-data tal-21 ta' Awwissu 2014 l-imħarrek Direttur (Riżorsi) fi ħdan id-Direttorat tar-*Resourcing* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika (*PAHRO*) bagħat jgħarrafha li jekk kemm-il darba ma taċċettax l-impieg tagħha ma' *IPSL* kien jitqies li l-impieg tagħha minn mal-gvern kellu jintemm b'seħħ mill-5 ta' Settembru 2014;

»Illi fit-3 ta' Settembru 2014 l-attriċi talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imħarrkin biex ma titneħħiex minn mas-servizz pubbliku. It-talba tagħha ntlaqgħet b'degriet mogħti fl-24 ta' Settembru 2014;

»Illi fit-13 ta' Ottubru 2014 l-attriċi fetħet din il-kawża;

»Illi fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aspetti ta' dritt li jduru mal-eċċezzjoni taħt eżami, il-qorti trid tabilfors tqis in-natura tal-azzjoni mibdija mill-attriċi. Ma hemm l-ebda dubju li dik tal-attriċi hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organ-iżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta. L-eċċezzjoni mqajma mill-imħarrkin tinsab fl-istess artikolu. Iżda l-azzjoni attriċi – u t-talbiet li tressqu – jinbnew kemm fuq ilmenti taħt l-artikolu 469A(1)(*a*) u kif ukoll taħt l-artikolu 469A(1)(*b*) tiegħu. Dak l-istess artikolu jagħmilha ċara li ż-żmien ta' sitt (6) xhur mogħti lil persuna biex tattakka għemil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fih jirreferi għal dawk l-ilmenti li jitressqu taħt is-sub-artikolu 469A(1)(*b*);

»Illi dan ifisser li wkoll kieku l-qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni taħt eżami, l-azzjoni attriċi tibqa' bla mittiefsa safejn it-talba tagħha tinbena fuq l-artikolu 469A(1)(*a*) tal-Kapitolu 12;

»Illi l-eċċezzjoni preliminari mertu ta' din is-sentenza hija waħda perentorja tal-ġudizzju u tista' għalhekk titqajjem f'kull waqt tal-kawża. Hija tgħid li kawża biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt il-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew sata' sar jaf, skond liema jiġi l-ewwel, b'dak l-għemil amministattiv;

»Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni taħt eżami l-liġi hija ċara ħafna meta tgħid li ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 jgħodd biss f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju li ssir biex twaqqa' għemil amministrattiv taħt xi waħda mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 469A(1)(*b*). Dak iż-żmien ma jgħoddx meta l-kawża tkun mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(*a*);

»Illi llum il-ġurnata huwa stabilit li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għemil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi;

»Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għemil amministrattiv issir taf b'dak l-għemil li jkun. Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew

uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għemil, liema data tiġi l-ewwel;

»Illi fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet żgur mgħarrfa bid-deċiżjoni li tintbagħat taħdem ma' *IPSL* hekk kif waslitilha l-*e-mail* li bagħtilha l-Ministeru fl-24 ta' Jannar 2014. L-attriċi tgħid li fl-ebda waqt ma ssemma f'dik l-ittra elettronika li kien qiegħed jintemmilha l-impieg minn mas-servizz pubbliku u li l-ewwel darba li dan issemmielha kien fl-ittra tad-Direttur Riżorsi fil-21 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Il-qorti ma tqisx li l-argument tal-attriċi f'dan ir-rigward huwa tajjeb. Ma jistax ikun li hekk kif waslitilha l-ittra elettronika f'Jannar ma saritx taf li l-effett prattiku u konkret tad-deċiżjoni meħuda kien li hija ma kenitx sejra tibqa' aktar impjegata fis-servizz pubbliku. Dan jingħad ukoll minkejja li ntqalilha kliem li l-impieg il-ġdid ma kienx jissarraf fit-tneħħija tagħha minn mal-Ministeru jew f'xi bidla tax-xogħol li hija twettaq fil-grad sostantiv tagħha. Minbarra dan, dik l-ittra kienet it-'tlaħħim' ta' deċiżjoni amministrattiva li kienet il-frott ta' proċess li kien ilu għaddej għal xi snin fir-rigward ta' uffiċċjali pubbliċi bħalma kienet l-attriċi, dwar il-mod kif daħlu jaħdmu fis-servizz pubbliku;

»Illi f'dan ir-rigward, tqis rilevanti x-xiehda mressqa mill-imħarrkin li turi li l-ittra mibgħuta lill-attriċi f'Awwissu tal-2014 ma kienet xejn aktar mill-implimentazzjoni (ukoll jekk din id-darba akkumpanjata minn '*ultimatum*') tad-deċiżjoni li twasslitilha f'Jannar ta' qabel. L-għażla tal-attriċi li tirrifjuta li tiffirma l-kuntratt ta' impieg ma' *IPSL* u l-fatt li ma laqgħetx il-ħlas tas-salarju ta' Lulju 2014 maħruġ minn dik il-kumpannija ma jfissirx li l-amministrazzjoni u l-Ministeru kienu bidlu d-deċiżjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, jekk kien hemm deċiżjoni meħuda mill-Ministeru dwar il-ġejjieni tal-attriċi li ttieħdet qabel, l-attriċi setgħet tkun taf biss dwarha hekk kif waslitilha l-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014. Huwa minn dak inhar li hija setgħet teżerċita l-azzjoni tagħha biex tattakka dik id-deċiżjoni;

»Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet kollha, il-qorti ssib li l-attriċi kien laħaq għalqilha ż-żmien li tagħtiha l-liġi biex setgħet tressaq l-azzjoni tagħha għal stħarriġ ġudizzjarju fuq il-kawżali tal-*ultra vires*, u għalhekk tara li t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-imħarrkin safejn tolqot dik il-kawżali tal-azzjoni attriċi hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';«

4. L-attriċi appellat b'rikors tal-10 ta' Marzu 2017 li għalih il-konvenuti wieġbu fil-21 ta' Marzu 2017. Billi fit-tweġiba tagħhom il-konvenuti ressqu eċċezzjoni ta' nullità tal-appell għax ir-rikors sar qabel ma l-attriċi kienet ingħatat permess tappella kif igħid u jrid l-art. 231 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-attriċi reġgħet ressqet l-appell tagħha b'rikors ieħor fil-21 ta' April 2017, li għalih il-konvenuti wieġbu fit-28 ta' April 2017. Waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2018

quddiem din il-qorti l-partijiet qablu li jitqies biss it-tieni appell, *i.e.* dak tal-21 ta' April 2017.

5. L-attriċi fissret hekk l-aggravju tagħha:

> »Illi l-aggravju tal-appellanta jikkonsisti fil-fatt illi s-sentenza preliminari hija ibbażata fuq apprezzament ħażin tal-provi u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi u dan kif ser jiġi spjegat fil-paragrafi li jmiss ta' dan ir-rikors tal-appell;
>
> »Illi l-ewwel onorabbli qorti żbaljat meta fis-sentenza preliminari qalet "Illi fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet żgur mgħarrfa bid-deċiżjoni li tintbagħat taħdem ma' *IPSL* hekk kif waslitilha l-*e-mail* li bagħtilha l-Ministeru fl-24 ta' Jannar 2014";
>
> »Illi bħala fatt ma jirriżultax li l-appellanta kienet intbagħtet taħdem ma' *IPSL* iżda jirriżulta biss li l-appellanta ntalbet tmur taħdem mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*;
>
> »Illi l-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 u li permezz tagħha l-appellanta ntalbet tagħmel dan ma tagħti l-ebda ħjiel li kienet ittieħdet xi deċiżjoni fil-konfront tagħha;
>
> »Illi peress li l-appellati ma setgħux iġagħlu lill-appellanta timpjega ruħha mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*, l-istess appellati ma kellhomx triq oħra ħlief li jitolbu lill-appellanta tagħmel dan minn jeddha;
>
> »Illi tant dan huwa minnu li l-appellanta ntalbet tagħmel kuntatt mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited* biex kif jingħad fl-imsemmija *e-mail* "*to arrange the engagement formalities*";
>
> »Illi mill-provi mressqa quddiem l-ewwel onorabbli qorti ma jirriżultax li l-appellanta f'xi stadju kienet impjegata mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited* iżda dejjem baqgħet impjegata mas-servizz pubbliku u ċjoè bħala uffiċjal fi skala 7 impjegata fuq bażi indefinit mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;
>
> »Illi l-imsemmija *e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 u li abbażi tagħha l-appellati qegħdin isostnu li l-azzjoni tal-appellanta tressqet wara ż-żmien ta' sitt xhur mogħti mil-liġi biex jintalab l-istħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv ma kinitx u ma setgħet qatt tiġi kkunsidrata mill-ewwel onorabbli qorti bħala waħda li biha l-appellanta setgħet tifhem li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li hija titkeċċa mill-impjieg tagħha;
>
> »Illi għalhekk sa dak iż-żmien l-appellanta ma kinitx taf u ma setgħetx tkun taf li kienet ittieħdet deċiżjoni ta' tkeċċija fil-konfront tagħha;
>
> »Illi minn sempliċi qari tal-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 u tal-ittra bid-data tal-21 ta' Awwissu 2014, toħroġ ċara d-differenza bejn iż-żewġ komunikazzjonijiet mibgħuta lill-appellanta u ċjoè li l-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 kienet sempliċi talba lill-appellanta biex hija tmur taħdem mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited* filwaqt li l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014 kienet it-twassil tad-deċiżjoni li l-appellanta kienet ser titkeċċa mill-impjieg tagħha;

»Illi tant l-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 ma kelliex l-għan li tinforma lill-appellanta bid-deċiżjoni meħudha mill-appellati fil-konfront tagħha, li l-ittra mibgħuta lilha xhur wara u ċjoè dik bid-data tal-21 ta' Awwissu 2014 ma fiha l-ebda referenza għal-imsemmija *e-mail,* imqar bħala punt ta' referenza;

»Illi l-ittra bid-data tal-21 ta' Awwisu 2014 mhux biss kienet tinkludi fiha d-dettalji kollha tal-proċess li segwew l-appellati biex ħadu d-deċiżjoni fil-konfront tal-appellanta (u l-ebda referenza għall-*e-mail* bid-data tal-21 ta' Awwissu 2014), iżda saħansitra għall-ewwel darba kien fiha wkoll spjegat x'konsegwenza ser iġġarrab l-appellanta, u ċjoè li l-impjieg tagħha mal-gvern jiġi mitmum f'każ li hija ma taċċettax li tiġi impjegata mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited* flimkien mad-data tal-Ġimgħa 5 ta' Settembru 2014 sa meta l-appellanta kellha taċċetta li tingħata impjieg mal-imsemmija kumpanija;

»Illi għalhekk joħroġ ċar li d-deċiżjoni tal-appellati, għalkemm setgħet ittieħdet f'xi żmien qabel, ġiet ikkomunikata lill-appellanta għall-ewwel darba permezz tal-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014 u mhux bl-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014;

»Illi fl-*affidavit* tagħha ippreżentat quddiem l-ewwel onorabbli qorti l-appellanta stqarret:

> »"Irrid nenfasizza li jiena kont dejjem qiegħda niġi mitluba niffirma kuntratt ta' impjieg mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited* u fl-ebda waqt qatt ma ntqal lili minn xi rappreżentant tal-gvern li l-impjieg tiegħi kien ser jiġi tterminat jew fi kliem ieħor li jiena kont sejra nitkeċċa mill-impjieg tiegħi minn mal-gvern. Ngħid illi l-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014 u li kopja tagħha ġiet ippreżentata mill-konvenuti mar-risposta ġuramentata tagħhom mkien ma tirreferi għal xi deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tiegħi bħala impjegata mal-gvern iżda hija biss *e-mail* li biha jiena ġejt infurmata li b'effett mit-3 ta' Frar 2014 jiena kont ġejt impjegata mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*. Jiena kont naf li dan ma kienx minnu għaliex jiena qatt ma ffirmajt l-ebda kuntratt ma' din il-kumpanija jew inkella xi dokument ieħor f'dan ir-rigward. Nista' ngħid li din kienet l-ewwel darba li jiena qatt smajt bil-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*."

»Illi l-appellati ma ressqu l-ebda prova li b'xi mod turi li l-appellata kienet ġiet impjegata mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*;

»Illi l-imsemmija *e-mail* mibgħuta lill-appellanta kienet sempliċi attentat [*recte*, tentativ] mill-amministrazzjoni biex l-appellanta bl-azzjoni li ntalbet tagħmel, u ċjoè li tmur taħdem mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*, issolvi d-diffikultà li kellhom l-appellati jew uħud minnhom fir-rigward tal-impjieg tal-appellanta mas-servizz pubbliku;

»Illi jekk tassew kienet ittieħedet xi deċiżjoni fil-konfront tal-appellanta, ma jirriżultax li din l-istess deċiżjoni kienet ikkomunikata lill-appellanta permezz tal-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014, iżda *se mai* permezz tal-ittra bid-data tal-21 ta' Awwissu 2014 mibgħuta lilha mill-konvenut Direttur (Riżorsi) fi ħdan id-Direttorat tar-*Resourcing* fl-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

»Illi kien biss meta l-appellanta rċeviet l-imsemmija ittra bid-data tal-21 ta' Awwissu 2014 li hija kienet saret taf li kienet ser titkeċċa mill-impjieg tagħha u għalhekk setgħet tirregola ruħha;

»Illi kien proprju f'dak l-istadju li l-appellanta ippreżentat rikors u kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni (nru 1340/2014) kontra l-appellati li ġew miżmuma milli jkeċċuha mill-impjieg tagħha mas-servizz pubbliku u ċjoè bħala uffiċjal fi skala 7 impjegata fuq bażi indefinit mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin, jew jitterminaw l-imsemmi impieg tagħha jew ibiddlu b`kull mod ieħor l-i*status quo* tagħha bħala impjegata tas-servizz pubbliku u ċjoè bħala uffiċjal fi skala 7 impjegata fuq bażi indefinit mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

»Illi mill-provi mressqa quddiem l-ewwel onorabbli qorti jirriżulta ċar li l-appellati mistħarrġa ma mxewx *bona fide* mal-appellanta;

»Illi kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet <u>Halida Kudozovic *et v*, Il-Professur Juanito Camilleri *nomine*</u> mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Imħallef Joseph R. Micallef) nhar it-30 ta' Mejju 2014 (ċitazzjoni nru – 1138/2011): "Fuq kollox, l-awtorità mistħarrġa trid tkun imxiet *bona fide* u qieset il-konsiderazzjonijiet rilevanti tal-każ";

»Illi f'dan il-każ l-appellati naqsu għal kollox milli jimxu *bona fide* mal-appellanta tant li b'sempliċi *e-mail* qegħdin jippretendu li nfurmawha bit-tkeċċija mill-impjieg tagħha, ħaġa li kif inhu magħruf ma tistax issir jekk mhux wara proċeduri li l-istess appellanta tkun mgħarrfa dwarhom u jkollha sehem fihom;

»Illi għalhekk l-appellanta ssostni li l-ewwel onorabbli qorti għamlet interpretazzjoni żbaljata tal-liġi meta interpretat l-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bħala li jfisser li l-appellanta kellha tifhem l-*e-mail* li hija rċeviet nhar l-24 ta' Jannar 2014 bħala li kienet ittieħdet deċiżjoni li hija titkeċċa mill-impjieg tagħha;

»Illi l-proċess li wassal għad-deċiżjoni amministrattiva li rreferiet għalih l-ewwel onorabbli qorti fis-sentenza preliminari ma kienx proċess li fih kien hemm involuta jew infurmata dwaru l-appellanta;

»Illi għalhekk, meta l-appellanta rċeviet l-*e-mail* bid-data tal-24 ta' Jannar 2014, hija ma kinitx taf bl-eżistenza ta' xi proċess u/jew deċiżjoni amministrattiva li kien jinvolvi lilha jew aħjar l-i*status* tagħha bħala impjegata mas-servizz pubbliku u ċjoè bħala uffiċjal fi wkala 7 impjegata fuq bażi indefinit mal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

»Illi l-imġiba tal-amministrazzjoni pubblika trid tinbena fuq il-"valuri inerenti" statutorji, xejn anqas dak li "jeżerċitaw kull setgħa mogħtija lilhom bil-liġi, u jagħtu servizz lill-pubbliku b'korteżija, malajr u b'imparzjalità" u dan kif jipprovdi l-artikolu 4 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497 tal-Liġijiet ta' Malta);«

6. Il-konvenuti wieġbu hekk:

»Illi l-aggravu tal-appellanti huwa fis-sens li s-sentenza parzjali tal-ewwel qorti hija allegatament bażata fuq apprezzament ħażin tal-provi u interpretazzjoni żbaljata tal-liġi.

»Illi b'mod ġenerali, l-appellati jissottomettu li l-maġġior parti tal-argumentazzjoni tal-appellanti tirrigwarda apprezzament tal-provi li

għamlet l-ewwel qorti. Illi dwar dan il-punt, l-appellati [*sc.* jgħidu] illi l-prinċipju ġenerali kif stabbilit fil-ġurisprudenza kostanti huwa illi l-apprezzament tal-fatti mill-qorti tal-ewwel grad ma għandux normalment jiġi ddisturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri u għandu jsir biss f'dawk il-każijiet fejn iċ-ċirkostanzi jkunu tali illi jikkonvinċu lill-qorti ta' reviżjoni illi l-apprezzament l-ewwel qorti kien tant żbaljat illi altrimenti tkun ser tiġi kkrejata inġustizzja. Dan għaliex huwa ċar li l-ewwel qorti kienet f'qagħda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilità *o meno* tax-xhieda prodotti. Vantaġġ li l-Qorti tal-Appell ġeneralment m'għandhiex. Illi għalhekk f'materja ta' valutazzjoni ta' fatti, il-Qorti tal-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ezerċitata mill-ewwel qorti biss f'każi eċċezzjonali. Illi mill-qari tar-rikors tal-appell l-appellanti ma rnexxilhiex turi li l-interpretazzjoni tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel qorti kienet waħda tant żbaljata li biha ser tiġi krejata inġustizzja iżda l-impressjoni li ħadu l-appellati huwa li l-appellanti qed tinterpreta l-fatti minn ottika suġġettiva għall-aħħar – ħaġa li ċertament ma tirrendix l-apprezzament tal-ewwel qorti bħala wieħed żbaljat.

»L-appellati jissottomettu li l-ewwel qorti kienet korretta meta osservat illi:

> »"fil-każ tal-lum, joħroġ ċar li l-attriċi kienet żgur mgħarrfa bid-deċiżjoni li tintbagħat taħdem ma' *IPSL* hekk kif waslitilha l-*e-mail* li bagħtilha l-Ministeru fl-24 ta' Jannar 2014. L-attriċi tgħid li fl-ebda waqt ma ssemma f'dik l-ittra elettronika li kien qiegħed jintemmilha l-impieg minn mas-servizz pubbliku u li l-ewwel darba li dan issemmielha kien fl-ittra tad-Direttur Riżorsi fil-21 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Il-qorti ma tqisx li l-argument tal-attriċi f'dan ir-rigward huwa tajjeb. Ma jistax ikun li hekk kif waslitilha l-ittra elettronika f'Jannar ma saritx taf li l-effett prattiku u konkret tad-deċiżjoni meħuda kien li hija ma kenitx sejra tibqa' aktar impjegata fis-servizz pubbliku. Dan jingħad ukoll minkejja li ntqalilha kliem li l-impieg il-ġdid ma kienx jissarraf fit-tneħħija tagħha minn mal-Ministeru jew f'xi bidla tax-xogħol li hija twettaq fil-grad sostantiv tagħha. Minbarra dan, dik l-ittra kienet it-'tlaħħim' ta' deċiżjoni amministrattiva li kienet il-frott ta' proċess li kien ilu għaddej għal xi snin fir-rigward ta' uffiċċjali pubbliċi bħalma kienet l-attriċi, dwar il-mod kif daħlu jaħdmu fis-servizz pubbliku;
>
> »"Illi f'dan ir-rigward, tqis rilevanti x-xiehda mressqa mill-imħarrkin li turi li l-ittra mibgħuta lill-attriċi f'Awwissu tal-2014 ma kienet xejn aktar mill-implimentazzjoni (ukoll jekk din id-darba akkumpanjata minn '*ultimatum*') tad-deċiżjoni li twasslitilha f'Jannar ta' qabel. L-għażla tal-attriċi li tirrifjuta li tiffirma l-kuntratt ta' impieg ma' *IPSL* u l-fatt li ma laqgħetx il-ħlas tas-salarju ta' Lulju 2014 maħruġ minn dik il-kumpannija ma jfissirx li l-amministrazzjoni u l-Ministeru kienu bidlu d-deċiżjoni tagħhom. Min-naħa l-oħra, jekk kien hemm deċiżjoni meħuda mill-Ministeru dwar il-ġejjieni tal-attriċi li ttieħdet qabel, l-attriċi setgħet tkun taf biss dwarha hekk kif waslitilha l-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014. Huwa minn dak inhar li hija setgħet teżerċita l-azzjoni tagħha biex tattakka dik id-deċiżjoni."

»L-appellati jissottomettu li mill-provi rrizulta li fis-sena 2011 kien hemm kommunikazzjonijiet bejn l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex jiġu regolarizzati individwi li daħlu mingħajr ma ġie segwit dak maħsub mill-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Illi fost dawn l-individwi rriżulta li kien hemm persuni

li kienu ddaħħlu fuq bażi ta' fiduċja (*persons of trust*). Issir riferenza għax-xiehda mogħtija minn Charles Polidano waqt is-seduta tad-29 ta' April 2016 fejn ġie dikjarat illi:

> "Il-każ qam fit-2011 fil-kuntest ta' *regularisation exercise* fejn il-ministeri jintalbu jippreżentaw ismijiet ta' impjegati li kienu ġew ingaġġati mhux skont il-proċeduri normali tal-*Public Service Commission* bil-ħsieb illi l-kummissjoni jekk jidhrilha tirregolarizza l-i*status* tagħha. Issa dan l-eżerċizzju ma kienx maħsub illi jkopri nies illi kienu *in positions of trust*. Però l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin b'risposta għat-talba tal-*Public Service Commission* fuq din ir-*regularisation exercise* ippreżenta tliet ismijiet ta' persuni li kienu *in positions of trust* inkluż tad-Dottoressa Cutajar. *At that stage* il-kummissjoni ħasset illi għandha tqajjem l-*issue* ta' nies illi kienu *in positions of trust* mas-Segretarju Permanenti Ewlieni ta' dak iż-żmien Dr Godwin Grima; allura tat risposta lill-Ministeru tal-*Foreign Affairs* illi l-każ tagħha – tat-tnejn l-oħra ser jinżammu *in abeyance*. Il-każ imbagħad reġa' qam fl-2013 meta min-naħa tal-amministrazzjoni ppreżentaw lista ta' xi *12 or 13 people* li kienu ġew ingaġġati *on the basis of trust*".

»Illi mill-provi rriżulta wkoll li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kienet tal-fehma li ġaladarba l-persuni fuq bażi ta' fiduċja ma kenux ingaġġjati skont ir-regolamenti tal-Kostituzzjoni allura l-istess Kummissjoni qatt ma setgħet tkun hi li tieħu deċiżjoni dwar l-istess individwi. Dak li għamlet il-kummissjoni kien li ġibdet l-attenzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru għal dan il-fatt. Fix-xiehda mogħtija minn Christine Schembri waqt is-seduta tal-11 ta' Marzu 2016 ġie dikjarat li l-amministrazzjoni bdiet tikkomunika mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dwar is-sitwazzjoni ta' persuni ta' fiduċja. Tali komunikazzjoni bdiet f'Lulju 2013. Illi l-istess xhud spjegat illi:

> »"Wara dan kollu l-kummissjoni rrispondiet fit-8 ta' Jannar tal-2014 fejn qed tgħid illi ġaladarba l-*appointment* tagħhom ma għaddiex *through* il-*PSC* allura ma tistax li tkun hi illi titlob il-*withdrawal* tagħhom; ma tistax tirtira *appointment* li għalih ma kinitx għamlet rakkomandazzjoni l-istess Kummissjoni. Dejjem skont *article* 110 tal-*Consitution*".

»L-istess xhud fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2016 iddikjarat illi:

> "Il-kummissjoni *following* dik il-korrispondenza li rċeviet mid-Direttur tar-*Resourcing* id-deċiżjoni tagħha kienet dak li hu rifless fl-*e-mail* tat-8 ta' Jannar, jiġifieri li hi baqgħet tal-veduta illi l-*grant* tal-*indefinite status* lill-persuni li kienu ingaġġati *on trust basis* kien *ultra vires* u invalidu. U l-*commission* kienet ukoll tal-veduta illi min-naħa tagħha ma kien hemm l-ebda azzjoni neċessarja, u jekk kien hemm xi azzjoni li kellha tittieħed din kellha tittieħed min-naħa tal-amministrazzjoni".

»Illi fix-xiehda in kontro-eżami ta' Charles Polidano mogħtija fis-seduta tad-29 ta' April 2016 ġie ikkonfermat li l-eżerċizzju li kien qiegħed isir kien relattiv għal numru ta' nies li kienu fl-istess sitwazzjoni bhal dik tal-appellanti. Meta mistoqsi jekk ġaladarba persuna ingaġġjata fuq bazi ta' fiduċja allura f'tali sitwazzjoni l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku ma jkollha l-ebda ġurisdizzjoni fuq tali persuna, ix-xhud spjega:

> "Hekk hu. Diġà' jiġifieri l-prattika ta' ingaġġament bħala *person of trust* ejja ngħiduha kif inhi, *person of trust* jiġifieri *it's a political*

> *appointment*. Il-ministru tal-ġurnata jagħżel it-tali persuna għax jafha personali *or for whatever reason*. Issa li dik il-persuna l-għaliex ħadet ħatra ta' *position of trust* tingħata *a permanent appointment in the public service without reference to the Public Service Commission* dik hija lista kif wiehed idur ma' *provisions* tal-Kostituzzjoni fuq ħatriet *on the basis of merit in the public service*. L-*article* 110 tal-Kostituzzjoni qiegħed hemm biex jara li l-ħatriet isiru *on merit*, u bażikament li ġara f'dan il-każ huwa illi dik il-*provision* tal-Kostituzzjoni ġiet *circumvented*".

»Illi l-appellati jirrilevaw li ġaladarba l-impjieg tal-appellanti kien wieħed ta' impjieg bħala persuna ta' fiduċja, ir-relazzjoni tal-appellanti kienet esklussivament mal-ministru li miegħu kienet ġiet ingaġġjata. Illi dwar inġagg ta' persuni mal-gvern fuq bazi ta' fiduċja (*persons of trust*) xehed Leo Bonnici fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 fejn iddikjara li "l-ingaġġ fuq bażi ta' fiduċja jsir permezz ta' kuntratt *ad hoc* bejn il-*permanent secretary* konċernat u l-*contract team* [*recte*, *contractee*]; per eżempju bħal f'kaz ta' *advisor*". Ix-xhud kompla jispjega li "L-ingaġġ ta' Dr Cutajar kien ċertament fuq bażi ta' fidċuja; fil-fatt hija kienet impjegata bħala *advisor*; jiġifieri fiduċja sakemm tibqa' tgawdi l-fiduċja tal-gvern tal-ġurnata".

»Illi fix-xiehda mogħtija minn Angele Azzopardi waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2015 ġie dikjarat li "Dr Cutajar kelha *agreement* bħala *advisor on European Parliament matters in the Ministry of Foreign Affairs*. L-*agreement* sar fil-*1st November 1999* għal tliet snin". L-istess xhud għamlet riferenza għal diversi estensjonijiet tal-kuntratt li ngħataw lill-appellanti. Illi in segwitu għall-kommunikazzjoni tat-8 ta' Jannar 2014 mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin iddeċieda li jinforma lill-appellanti permezz ta' ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014 fejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin bagħat jgħarraf lill-appellanti illi "*as from 3rd February 2014 you are employed with IPSL as per PAHRO instructions".*

»Illi din kienet id-deċizjoni tal-*employer* tal-appellanti (tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin) u *cioè* dak kontenut fl-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014. Illi fix-xiehda mogħtija minn Angele Azzopardi waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2015 spjegat li d-deċizjoni kontenuta fl-email tal-24 ta' Jannar 2014 ittiehdet peress illi "L-posizzjoni ta' Dr Antoinette Cutajar peress li kienet *person on trust, on a trust basis,* pruvajna (sa fejn naf jiena mal-*PAHRO* wkoll) peress li kien hemm għaddej affarijiet l-*PSC* ma kenux …, l-unika mod kif Antoinette Cutajar setgħet tibqa' ta]dem bhala *government employee* kien b'dan il-mod, li hi tibda mal-*IPSL* u hekk almenu jkollha, tibqa' *on this indefinite work*". Ix-xhud spjegat ukoll li fil-prattika dan kien ifisser li l-paga kienet ser tibda tirċivha mill-*IPSL* filwaqt li tibqa' tagħmel l-istess xogħol li kienet qed tagħmel.

»L-appellati jirrilevaw li l-azzjoni tal-appellanti hija mmirata lejn id-deċiżjoni li ngħatat mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin permezz tal-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014. Dan qed jingħad minkejja dak li qed tipprova targumenta fl-aggravju tagħha l-appellanti fejn qed targumenta li l-ilment tagħha huwa indirizzat lejn l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014 u fejn targumenta li d-deċizjoni ttieħdet fl-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014. L-appellati jissottomettu li, kif ben osservat l-ewwel qorti, mill-provi rriżulta li d-deċiżjoni ttiehdet fl-24 ta' Jannar 2014 (ara x-xiehda ta' Angele Azzopardi) filwaqt li l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014

kienet tikkostitwixxi biss l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni maħruga mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin.

»Illi dwar id-deċiżjoni mehuda mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li tinstab [tintbagħat(?)] l-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014 xehed ukoll Leo Bonnici fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 fejn iddikjara illi:

> »"din l-*e-mail* ħarġet deċizjoni tal-*Ministry of Foreign Affairs* fejn kienet ġiet impjegata minħabba illi fuq li għadni kif spjegajt il-*Public Service Commission* kienet talbet *corrective action on the part of the administration*; *faced* b'dan l-amar inħarġet din l-*e-mail*. Illi, peress illi hi ingħatat *indefinite status* u peress li fil-*public service* kull ħatra indefinita trid issir mill-*Public Service Commission*, u peress li l-*Pubic Service Commission* qaltilna f'dik l-ittra li tagħtha l-indefinite status hija ultra vires u *invalid* u talbet *corrective action* allura l-*administration* riedet tara x'ser tagħmel. Ma tistax ma tobdix il-*Public Service Commission* minħabba li l-Kostituzzjoni ittiha dik is-saħħa li kull minn jieħu ħatra fil-public service indefinita jrid ikollu l-barka tagħha. U hawnhekk ma kienx hawn il-barka tagħha. Fil-fatt il-ħatra ta' *indefinite* li kellha lanqas kienet rizultat ... kienet biss permezz ta' notifika. Ma kienx hemm *letter of appointment*. *Letter of appointment* skont il-*Public Service Commission* joħroġha l-ministru – joħroġha l-ministru. Din kienet notifika mill-*Permanent Secretary* tal-*MFA*; jiġifieri lanqas biss kien hemm ħatra, lanqas kien hemm *appointment*. Wara li nħarġet din l-ittra sabiex il-gvern jipprova jsib rimedju illi peress li hi kienet *government employee on an indefinite status* u peress li l-*Public Service Commission* qalet 'din is-sitwazzjoni irregolari – ir-*recorrective action'*, u qalet ukoll illi hi għandha terga' lura għall-i*status* tagħha preċedenti ta' fiduċja kif ġiet impjegata *in the first instance* fl-1999 liema *status* ma kienx għadu applikabbli, għal-daqstant l-*administration* – l-*OPM* u l-*Ministry of Foreign Affairs* – qalulha biex tmur l-*IPSL* fis-sens li tiffirma *commencement notice* ħalli hi tkun tista' tiġi *government employee on indefinite status*. Daka l-unika rimedju li seta' jinstab biex hi tiġi *indefinite* mal-gvern".

»Illi dwar l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014 l-istess xhud fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 spjega li:

> »"din kienet eżekuzzjoni ta' din id-deċizjoni tal-*Ministry of Foreign Affairs* li jsibulha dik ir-rimedju li tmur l-I*P*SL permezz li hi tiffirma dawk il-*commencement* notice. Dik kienet ir-raguni jiġifieri. Jiġifieri dik kienet l-ittra li ħriġt jiena *f'August* 2014 eżekuzzjoni ta' din id-deċizjoni tal-24 ta' Jannar tal-Ministru *of Foreign Affairs*".

»Illi dan il-fatt reġa' ġie stabbilit fix-xiehda in kontro-eżami ta' Leo Bonnici magħmul fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015 fejn ġie dikjarat illi:

> »"Lil Dr Cutajar ikkuntatjajtha jiena, u meta kellimtha jiena kien fil-presenza tiegħek, il-għaliex id-deċiżjoni li kienu hadu l-*Ministry of Foreign Affaris* f'xi Jannar 2014 ma ġietx eżegwita. Imbagħad allura ħriġt l-ittra fit-*21st August* 2014 jiena, bħala eżkuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni oriġinali ta' Jannar 2014";

»kif ukoll fix-xiehda in kontro-eżami tal-istess xhud magħmul fis-seduta tal-10 ta' Settembru 2015 fejn spjega illi l-ittra tal-21 ta' Awwissu 2014:

> »"Dina l-ittra kienet, kif diġà spjegajt, l-eżekuzzjoni tal-ittra li nħarget minn l-*MFA* fl-24 ta' Jannar 2014 fejn li kienet qaltilha l-*MFA* hu illi, peress li l-*background* kien kif kien, kienet ġiet

> *handpicked*, u kienet *person of trust* u dak il-baċkground kollu, allura hi kellha tmur tiffirma *commencement form* għand il-*IPSL*. U hi kienet irrifjutat, u qed ngħidulha allura jekk ma tmurx ... dak li konna qed ngħidulha".

»Illi altru li l-ewwel qorti interpretat il-fatti b'mod korrett *stante* li mill-provi rriżulta li l-appellanti kienet konsapevoli tad-deċiżjoni li ngħatat in konfront tagħha fl-24 ta' Jannar 2014 meta ddikjarat fl-*affidavit* tagħha ipprezentat fid-19 ta' Jannar 2015 illi:

> »"Ngħid illi nhar l-24 ta' Jannar 2014 jiena rċivejt *e-mail* mingħand Angele Azzopardi li hija d-*Director Financial Management* fi ħdan l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin li permezz tagħha infurmatni li b'effett mit-3 ta' Frar 2014 jiena kont ġejt impjegata mal-kumpanija *Industrial Projects and Services Limited*".

»Illi kif jirrizulta mill-atti proċesswali, ir-rikors maħluf ġie ppreżentat mill-appellanti fit-13 ta' Ottubru 2014 u *cioè* disa' xhur wara li ttieħdet id-deċiżjoni li minnha qed tillamenta r-rikorrenti. Illi l-azzjoni odjerna kellha tiġi preżentata *entro* s-sitt xhur minn dak inhar li saret taf bid-deċiżjoni u dan ifisser li ġaladarba l-appellanti kienet saret taf bid-deċizjoni fl-24 ta' Jannar 2014 is-sitt xhur maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 skattaw minn dak in-nhar bil-konsegwenza li l-azzjoni odjerna kellha tiġi intavolata qabel l-24 ta' Lulju 2014 sabiex dina l-onorabbli qorti tkun tista' tisħarreġ l-għemil li minnu qed tillamenta l-appellanti. Illi mill-atti proċesswali jinżel biċ-ċar li l-appellanti ma ottemperatx ruħha ma' dan it-terminu ta' dekadenza bil-konsegwenza naturali li l-azzjoni tagħha hija waħda tardiva u li kienet għalhekk korretta l-ewwel qorti meta ddikjarata bhala tali in kwantu mibnija fuq l-artikolu 469A(1)(*b*) tal-Kap. 12.

«Illi *inoltre* fuq dan il-punt partikolari u *cioè* il-kalkolu tas-sitt xhur prevvisti mill-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellati jagħmlu riferenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Khalil Samir Rezk Gadalla *et v.* Id-Direttur taċ-Ċittadinanza u *Expatriates et*</u> deċiza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Marzu 2011 fejn iġie osservat illi:

> »"Fl-ewwel lok, dak l-att ġudizzjarju kien biss tweġiba għall-ittra uffiċjali tal-istess mittenti tal-14 ta' April 2009, li fiha jitlob għar-reviżjoni tad-deċiżjoni meħuda f'Novembru tal-2008. Dan ifisser li l-attur innifsu kien qiegħed jaċċetta li dawk ta' Novembru (li, bħalma ngħad, jirreferu għad-deċizjoni milħuqa mid-direttur imharrek f'Settembru tal-2008), kienu deċiżjonijiet impunjabbli. Kemm hu hekk, fl-ittra uffiċjali tiegħu saħansitra jgħid li dik id-deċizjoni '(t)ohloq dritt għall-proċedura taħt il-469A tal-Kap. 12'. Fit-tieni lok, għall-finijiet ta' impunjazzjoni ta' għamil amministrattiv, id-deċiżjoni jew l-għamil li jkun ma jistax jitqies li ttieħed meta l-parti mġarrba titlob reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni, għaliex talba għal reviżjoni jew ri-konsiderazzjoni hija konferma li d-deċiżjoni tkun ittieħdet qabel u mhux stennija ta' xi deċiżjoni li għadha trid tittieħed. Fit-tielet lok, it-tweġiba mibgħuta lill-attur mill-imħarrkin bl-ittra uffiċjali tagħhom tal-24 ta' April 2009 tenniet li ma kinux sejrin jibdlu d-deċiżjoni li kienet ittieħdet."

»L-appellati jissottomettu wkoll illi dan il-perjodu ta' sitt xhur huwa perjodu ta' dekadenza u ma jistax jiġi interott jew sospiż. […]

»Illi fil-każ odjern il-kontestazzjoni tad-deċiżjoni tal- esponenti kellha ssir fi żmien sitt xhur minn meta ngħatat u ġiet magħrufa tali deċiżjoni

> mill-appellanti. Id-deċiżjoni ngħatat fl-24 ta' Jannar 2014, illi l-appellanti saret taf b'tali deċiżjoni fl-24 ta' Jannar 2014 filwaqt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ġiet intavolata fit-13 ta' Ottubru 2014 u *cioè* disa' xhur wara tali deċiżjoni.«

7. Il-qorti tosserva, qabel xejn, b'referenza għal-dak li jingħad fl-ewwel paragrafu tat-tweġiba tal-konvenuti, illi l-konvenuti jagħtu wisq enfasi lill-prassi li qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax l-apprezzament ta' fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet *viva voce* qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.

8. Iċċarat dan il-punt, il-qorti tgħaddi issa għall-meritu tal-appell.

9. Il-kwistjoni f'dan l-appell effettivament hija jekk l-attriċi saritx taf, jew kienx imissha tkun taf, bid-deċiżjoni amministrativa li jintemm l-impjieg tagħha mas-servizz pubbliku ġà meta rċeviet il-posta elettronika tal-24 ta' Jannar 2014 jew biss meta rċeviet l-ittra tal-21 ta' Awissu 2014, u,

konsegwentement, jekk id-*dies a quo* għall-għanijiet tad-dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwiex l-24 ta' Jannar 2014 jew il-21 ta' Awissu 2014. Il-kawża nfetħet fit-13 ta' Ottubru 2014 u għalhekk jekk iż-żmien beda għaddej mill-24 ta' Jannar 2014 l-azzjoni waqgħet b'dekadenza waqt illi jekk iż-żmien beda għaddej fil-21 ta' Awissu 2014 id-dekadenza ma seħħitx u l-azzjoni tiswa, ukoll għat-talbiet taħt l-art. 469A(1)(*b*).

10. Il-kwistjoni mela hi jekk – kif igħidu l-konvenuti – l-attriċi setgħetx tifhem, ġà bl-ittra elettronika tal-24 ta' Jannar 2014, x'kienet id-deċiżjoni li issa qiegħda tattakka. Dik l-ittra tgħid hekk:

> »Please be informed that as from 3rd February 2014 you are employed with *IPSL* as per PAHRO[1] instructions.
>
> »In this respect you are kindly requested to contact Mr R Grech at HR *IPSL* […] to arrange the engagement formalities.«

11. L-attriċi min-naħa l-oħra tgħid illi d-deċiżjoni setgħet tkun taf tassew x'kienet biss meta rċeviet l-ittra tal-21 ta' Awissu 2014, li tgħid hekk:

> »Nirreferi għal-laqgħa li kelna f'dan l-uffiċċju, liema laqgħa kien preżenti ghaliha l-konsulent legali tieghek, rigward l-ittra datata 27 ta' Jannar 2008 mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin ta' dakinhar permezz ta' liema inti kont ġejt infurmata li kont ingħatajt *indefinite status* bħala *Officer in Scale 7*.
>
> »Nirreferi wkoll għall-ittra mibghuta lill-konsulent legali tiegħek datata 24 ta' Marzu 2014 minghand l-Assistent Avukat Ġenerali rigward l-istess suġġett.
>
> »F'din il-laqħha ġie spjegat lilek li l-*indefinite status* li kien ġie komunikat lilek permezz tal-imsemmija ittra tal-21 ta' Jannar 2008 kien ingħata lilek fuq il-bażi tal-impieg tiegħek mas-servizz pubbliku bħala persuna ta' fiduċja, liema impjieg ma kienx impjieg sanzjonat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond artikolu 110 tal-Kostituzzjoni. Fil-fatt, meta ġiet ikkonsultata dwar dan il-każ, il-Kummissjoni iddikkjarat tali *indefinite status* bħala wieħed "*ultra vires and invalid*" għall-iskop ta' impjieg fis-servizz pubbliku, u li b'konsegwerza ta' dan inti għandek tmur lura għall-i*status* preċedenti tiegħek ta' persuna impjegata fuq bażi temporanja u fiduċjarja, liema possibilità m'għadhiex aktar applikabbli.

[1] *Public Administration Human Resources Office*.

> »F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-gvern għamel l-arranġamenti meħtieġa sabiex l-*indefinite status* tiegħek jiġi mħares *tramite* li inti tiġi impjegata fuq bażi indefinita bl-istess paga mal-kumpanija tal-gvern l-*IPSL*. Għaldaqstant, bħala impjegata ma' entità pubblika, inti jkollok l-opportunità li tapplika, permezz ta' sejħiet t'applikazzjonijiet interni, għall-posizzjonijiet fis-servizz pubbliku li jkunu estiżi għall-impjegati f'entitajiet pubbliċi li, skont kif titlob il-Kostituzzjoni ta' Malta, jkunu sanzjonati mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. F'każ li inti ma taċċettax dan l-impjieg, ma jkunx possibbli li tibqa' fl-impjieg tal-gvern.
>
> »Għalhekk, inti mitluba tikkomunika maċ-*chairman* tal-*IPSL* sabiex ti-ngħata impjieg permanenti ma' din il-kumpannija tal-gvern sa nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru 2014 f'nofsinhar, Fin-nuqqas li inti taċċetta dan l-impjieg sa din id-data, l-impjieg tieghek mal-gvern jitqies mitmum minn dakinhar. F'każ ta' diffikultà inti tista' tikkomunika maċ-*chairman* tal-*IPSL* […] jew mas-sezzjoni tar-riżorsi umani tal-istess kumpannija […].«

12. Fil-fehma ta' din il-qorti, għalkemm mill-ittra tal-24 ta' Jannar 2014 l-attriċi setgħet tassumi illi, ladarba tkun impjegata ma' kumpannija, ma tibqax impjegata wkoll mal-gvern, madankollu dik l-ittra ma setgħetx tiftehem bħal temm tal-impjieg mal-gvern kemm għax fiha ma jingħadx espressament hekk, kemm għax fl-ittra ma tingħata ebda raġuni li tiġġustifika li jintemm l-impjieg u kemm għax ma jingħadx xi jkunu l-konsegwenzi jekk l-attriċi ma tagħmilx dak li ntqalilha li tagħmel f'dik l-ittra, *viz.* illi tkellem lid-diriġenti tal-kumpannija "*to arrange the engagement formalities*". Ma jingħad xejn f'dik l-ittra li jagħti x'tifhem illi jekk tonqos milli tagħmel hekk jintemm l-impjieg tagħha mal-gvern.

13. Huwa biss fit-tieni ittra – dik tal-21 ta' Awissu 2014 – li dan kollu ntqal lill-attriċi ċar u tond: li r-raġuni għala jintemmilha l-impjieg hija illi l-impjieg tagħha "ma kienx impjieg sanzjonat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skond artikolu 110 tal-Kostituzzjoni", u li l-kon-segwenzi jkunu li "fin-nuqqas li inti taċċetta dan l-impjieg sa din id-data, l-impjieg tieghek mal-gvern jitqies mitmum minn dakinhar".

14. Din il-qorti għalhekk ma tistax taqbel mal-ewwel qorti illi l-ittra tal-24 ta' Jannar 2014 tat lill-attriċi tagħrif biżżejjed biex tifhem illi kienet ittieħdet deċiżjoni li jintemm l-impjieg tagħha mal-gvern.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar is-sentenza appellata, tiċħad l-eċċezzjoni ta' dekadenza taħt l-art. 469A(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

16. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll tal-appell, iħallsuhom il-konvenuti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb